# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Diċembru, 2019.**

**Numru 9**

**Rikors numru 1253/07 AE**

**Edmund J. Grech u martu Mary Stella Grech**

**v.**

**Carmel *sive* Charles Micallef u martu Anita Micallef**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-atturi (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellanti") minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Lulju, 2014, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata"), li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, qatgħet kawża miftuħa minnhom dwar għoti ta' rendikont billi astjeniet milli tqis aktar l-ewwel talba attriċi għall-ħatra ta' periti komputisti biex jillikwidaw il-konteġġi bejn il-partijiet u d-

differenza tal-ħlasijiet rispettivi magħmulin minnhom; ċaħdet it-tieni u t-tielet talbiet attriċi għaliex sabet li l-atturi ma jmisshom jitħallsu l-ebda somma; u laqgħet ir-raba' talba attriċi billi ordnat il-bejgħ b'irkant taħt l-awtorità tal-Qorti (liċitazzjoni) tad-dgħajsa PTF 840 "*Monte Carmelo*". Fl-istess sentenza, l-ewwel Qorti sabet li l-ewwel talba rikonvenzjonali tal-intimati (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellati") saret għal xejn għaliex id-dgħajsa kienet taż-żewġ partijiet u laqgħet it-tieni u t-tielet talbiet rikonvenzjonali billi ordnat lill-appellanti jħallsu lill-appellati s-somma ta' elf mija u tmenin euro (€ 1,180) bħala sehemhom min-nefqa li saret mill-istess appellati biex id-dgħajsa tinżamm f'kundizzjoni tajba. Dik il-Qorti ikkundannat lill-appellanti jħallsu l-ispejjeż tal-kawża, b'dan illi l-appellati kellhom iħallsu għaxra fil-mija (10%) tal-ispejjeż tagħhom, filwaqt li l-ispejjeż marbuta mal-liċitazzjoni tad-dgħajsa (magħduda dawk tar-raba' talba tal-appellanti) kellhom jitħallsu ndaqs bejn il-partijiet;

2. Biex waslet għad-deċiżjoni tagħha, l-ewwel Qorti għamlet dawn il-kunsiderazzjonijiet:

> "*Il-kwistjoni hi dwar lancja li hi proprjeta tal-kontendenti.*
> *"Min-naha tal-atturi qeghdin jitolbu li:-*
>
> *"i. Isiru konteggi bejn il-partijiet dwar il-flus li kull parti harget. L-atturi jippretendu li huma kredituri tal-konvenuti.*
> *"ii. Isir il-bejgh b'licitazzjoni tad-dghajsa.*
>
> *"B'rikonvenzjoni l-konvenuti qeghdin jitolbu li:-*
>
> *"i. Dikjarazzjoni li l-konvenuti hargu s-somma ta' €2,416 iktar mill-atturi jew somma ohra, u li jirreferu ghall-ispejjez ta' manutenzjoni u ghal-lancja.*

*“ii. Tikkundanna lill-atturi jhallsuhom is-somma ta’ €1,180.*

*“Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti li jinkludu noti ta’ sottomissjonijiet.*

*“L-atti huma voluminuzi fuq kwistjoni li fir-realta’ setghet tigi rizolta b’mod pacifiku u bi ftit rieda tajba. L-atti jaghtu xenarju ta’ pika kbira bejn il-kontendenti.*

*“Waqt is-seduta tat-12 ta’ Marzu 2010 il-qorti kienet inkarigat lil John Bonnici bhala espert komputist (fol. 99) li pprezenta r-rapport fl-1 ta’ Marzu 2011 (fol. 112) u kkonkluda li l-qorti ghandha tilqa’ t-talba tal-attur fis-somma ta’* ***€968.56****. Skond il-konteggi li ghamel il-perit gudizzjarju (fol. 136):*

*“L-attur Edmund Grech hareg …………..Lm9,032.22*
*“Il-konvenut Carmel Micallef hareg ….. Lm5,001.58*
*“Total:* ***Lm14,033.80***

***“B’hekk kull parti kellha tohrog Lm7,016.90***
*“Carmel Micallef hareg inqas minn*
*Edmund Grech Lm2,015.32*
*“Hlas akkont li sar minn Carmel Micallef Lm1,600*
***“Ammont li ghandu jhallas C. Micallef Lm415.90 (€968.56)****.*

*“Il-kalkoli tal-espert gudizzjarju m’humiex bazati fuq ricevuti hlief ghal dawk li pprezenta l-attur a fol. 66, 70 u 73, ghaliex f’dak l-istadju hadd ma kien ipprezenta ricevuti. Fil-fatt meta gie pprezentat ir-rapport il-konvenuti kienu ghadhom kontumaci.*

*“Flimkien mar-rikors guramentat ir-rikorrent ipprezenta rapport ta’ Evan Mohnani li jkopri l-perjodu mis-16 ta’ Dicembru 1987 sal-4 ta’ Marzu 2003, u fejn ikonkluda li l-attur hareg* ***Lm8,371*** *(€19,499) filwaqt li l-konvenut hareg* ***Lm5,148*** *(€11,991.61). Mohnani kien gie nkarigat mill-konvenuti. Skond il-kalkoli tieghu hemm differenza ta’* ***Lm3,223*** *(€7,507.57) bejn il-hrug tal-attur u tal-konvenut. Ghalhekk Charles Micallef kellu jhallas lil Edmund Grech is-somma ta’ Lm1,612 (€3,754.95), li minnhom ighid li thallset Lm1,600 (€3,727) bil-bejgh ta’ garaxx fl-1993*[1] *u ghalhekk kien fadal bilanc ta’* ***Lm12 (€27.95)*** *[fol. 41]. Ir-reazzjoni tal-attur ghal din l-ittra saret permezz ta’ ittra datata 23 ta’ Mejju 2003 (fol. 43) fejn fost affarijiet ohra qal li qatt ma kien iltaqa’ ma’ Mohnani.*

*“F’affidavit li pprezenta fid-29 ta’ Awissu 2011 il-konvenut spjega l-oggezzjonijiet li ghandu ghal dak li rrelata il-perit komputista (fol. 171 et seq), u dan jirrigwarda:*

*“1.* ***Additional payments of engines ghal Lm132 fit-30 ta’ Marzu 1991****. Ma jirrizultax li l-attur ipprezenta ricevuti. Kif qal il-konvenut din*

[1] Fatt mhux kontestat.

*is-somma m'hijiex inkluza fir-records tal-attur tal-2003 (ara Dok. A2 a fol. 184-199) u lanqas fid-dokument K li pprezenta l-attur u li ddeskrivieh bhala Draft account fuq sistema kalamazoo (fol. 6). Kien fl-interess tal-attur li jzomm ricevuta tal-hlas li jallega li ghamel. Ghalkemm ghamel riferenza ghall-kont a fol. 71 (ara affidavit ulterjuri a fol. 957 et seq) li hu ghas-somma ta' Lm4,132, ipprezenta biss ricevuta datata 8 ta' Jannar 1991 ghal Lm4,000 (fol. 70). Ghalkemm fir-rikors guramentat l-atturi ppremettew li l-ircevuti kienu nghataw lill-konvenuti, jekk hu hekk kien fl-interess taghhom li jzommu kopja.*

*"2. **Set-off part junker costs fl-ammont ta' Lm400 fit-3 ta' Lulju 1997**. F'dan ir-rigward l-attur ipprezenta dokument P a fol. 73 datat 3 ta' Lulju 1997. Fid-dokument A2 din ic-cifra ma tissemmiex. L-attur ma tax spjegazzjoni dwar dan il-fatt. Fir-realtà ma jidhrix li dawn kienu spejjez li l-attur effettivament hareg mill-but. Il-qorti hi tal-fehma li l-oggezzjoni tal-konvenut hi gustifikata meta tqies li l-attur ma ta l-ebda raguni ghalfejn din l-item ma nkludihx fl-accounts tas-sena 2003. L-attur ipprova jiggustifika din l-entry meta f'affidavit ulterjuri qal: "Fi Frar 2003 Micallef kien accetta li dan l-ammont jidhol bhala parti milli kellna naghtu lil John Farrugia maghruf bhala l-Junker" (fol. 966). Jekk kien hekk suppost hemm entry fl-accounts li l-attur ta lill-konvenut bl-ittra tad-9 ta' April 2003 (Dok. A1 fol. 183), li pero' m'hemmx. Inoltre, l-affidavit ta' Anthony Caruana (fol. 951) ma jghinx lill-attur in kwantu ma jirrizultax li ghamel xi xoghol fuq id-dghajsa.*

*"3. **Bejgh tal-magna Kity ghas-somma ta' Lm425**. Oggezzjoni li l-qorti tqies li m'hijiex gustifikata meta tikkunsidra li giet inkluza fil-konteggi ta' Mohnani, li wara kollox gie nkarigat mill-konvenut (ara kontro-ezami ta' Mohnani fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2011 [fol. 933]) u li kien biss fil-kors tal-proceduri li qajjem dan l-ilment.*

*"4. **Mastenbroek fl-ammont ta' Lm197.97 u mhux Lm277.96**. Kif qal tajjeb il-konvenut, f'ittra datata 18 ta' Gunju 2003 l-attur ikkonferma li l-ammont dovut kien ta' Lm197.97 (ara fol. 51).*

*"5. **Xiri ta' oggetti fl-ammont ta' Lm31.10**. Il-konvenut jilmenta li l-attur ma tax ricevuti u ghalhekk talab li jitnehhew mill-konteggi. Pero dawn iddahhlu fil-konteggi ta' Mohnani (Dok. A2) u ghalhekk m'ghandux ikun li issa li nqala' d-dizgwid il-konvenuti joggezzjonaw ghalihom. L-istess jinghad fir-rigward tal-ispiza ta' Lm7.75 ghal fibreglass, resin u hardner.*

*"6. **Rausi Insurance fl-ammont ta' Lm53.50**. Fil-konteggi tal-perit komputista saret entry fl-1 ta' Gunju 2002 u ohra fl-1 ta' Dicembru 2002. Jidher li l-insurance kienet ta' Lm107 fis-sena. L-attur ipprezenta ittra datata 1 ta' Gunju 2002 ghas-somma ta' Lm53.50 li baghat lill-konvenut (Dok. A a fol. 36) fejn jinghad: "Herewith is cheque for Lm53.50 (1/2 of Lm107) for the Rausi boat insurance payment. Please check the values for insurance purposes, of the equipment, boat, etc". F'ittra datata 15 ta' Lulju 2003 l-attur ikkonferma li l-insurance kien jirceviha l-konvenut*

*(Dok. H a fol. 53). Il-konvenut ipprezenta ricevuta tal-hlas ta' Lm107 fit-3 ta' Gunju 2002 lil Rausi Insurance Agency Limited (fol. 583). L-attur ma tax spjegazzjoni ta' kif tnizzlet entry ohra ta' Lm53.50 f'Dicembru 2002. Ghalhekk tqies li l-oggezzjoni bhala gustifikata.*

*"7. **Somma ta' Lm25.92 Poly floor Grey carpet**. Il-konvenut qal li hemm double entry fit-18 ta' Gunju 1994 u 17 ta' Gunju 2005. Ghalkemm hu veru li c-cifra hi identika, mill-konteggi ta' Mohnani hu evidenti li kien hemm zewg ricevuti u t-tnejn gew inkluzi fil-konteggi tieghu. Wahda datata 18 ta' Gunju 1994 li l-konvenut ipprezenta (fol. 370) u ohra li Mohnani ta n-numru 766 li l-konvenut ma pprezentax. Din l-oggezzjoni mhux ser tigi accettata.*

*"Meqjus dak li nghad hawn fuq il-qorti taddotta l-konteggi li ghamel Evan Mohnani fir-rigward tal-ispejjez li ghamlu l-atturi, u cjoe' fis-somma ta' **Lm8,371 (€19,499.18)**.*

*"Mill-konteggi li ghamel l-attur hu evidenti li qieghed jippretendi hlas ta' imghax fuq l-ispejjez li ghamel. Il-qorti ma taqbilx meta tqies li:-*

*"i. Saret hafna enfazi fuq 'il fatt li dan kien negozju. M'hemmx dubju li d-dghajsa giet registrata ghas-sajd. Jidher ukoll li kien hemm xi ftit tad-drabi meta nbiegh xi hut. Jidher ukoll li kien hemm registrazzjoni mad-Dipartiment tal-VAT (ara prospett li pprezenta l-attur, fol. 35 fejn fl-ahhar parti jissemmew VAT Returns). Biex isahhah l-argument tieghu l-attur ipprezenta wkoll ittra li ntbaghatet mill-konvenut mit-Taqsima ta' l-Affarijiet Veterinarji u tas-Sajd, datata 29 ta' Settembru 2007 (fol. 1001, fejn jinghad li jekk ghas-sena 2007 ma kienx ser jigi registrata il-valur ta' qbid ta' hut ghal minimu ta' Lm750, "…. il-bastiment tieghek ser jitlef ir-registrazzjoni f'din il-kategorija kummercjali u ghaldaqstant ser jitpogga fil-kategorija rikreazzjonali (MFC)". Il-qorti temmen li pjuttost minn intrapriza kummercjali dan kien kaz ta' tnejn min-nies li thajjru jkollhom dghajsa biex jipprattikaw id-delizzju taghhom, u rregistrawha bhala dghajsa kummercjali sabiex jekk ikun hemm cans li jiehdu beneficcji, jehduhom. Fil-fatt irrizulta li anke ghal finijiet ta' assikurazzjoni, kienet assigurata bhala pleasure craft (ara dokumenti prezentati waqt is-seduta tat-2 ta' Mejju 2012). F'kull kaz minn imkien ma jirrizulta li kien hemm xi ftehim dwar meta kellu jsir il-hlas tal-ispejjez li jkun ghamel kull wiehed mill-koproprjetarji. Anzi bil-modus operandi tal-kontendenti jidher bic-car li ma kienx intiz li hekk kif issir spiza mill-attur jew konvenut, il-parti l-ohra thallas in-nofs tal-ispiza. Dan kien kaz ta' tnejn min-nies li ghandhom interess komuni. Kien biss fis-sena 2003 li hargu l-ewwel set ta' konteggi li hejja l-attur.*

*"ii. imghax m'ghandux jiddekorri qabel jigi ffinalizzat l-ezercizzju ta' konteggi, sabiex wiehed ikun jaf xi spejjez saru minn kull koproprjetarju. Wiehed ma jistax jinsa li dan kien kaz ta' shubija.*

*"Ghal dak li jirrigwarda spejjez li saru mill-konvenuti, skond il-konteggi ta' Mohnani il-konvenuti hargu s-somma ta' Lm5,148 filwaqt li skond il-*

*komputist mahtur mill-qorti hemm is-somma ta' Lm5,001.58 (bazat fuq it-taghrif li ta l-attur). Il-konkluzjoni tal-perit tekniku hi bazata fuq konteggi li ghamel l-attur. Ghalhekk hemm diskepanza ta'* ***Lm146.42****. Hu evidenti li d-dizgwid hu minhabba spejjez li l-atturi jsostnu li ma nghatatx spjegazzjoni dwarhom (Ara Dok. T a fol. 780, imhejji mill-attur). Dawn kienu spejjez li qeghdin isiru fi zmien li ma kienx hemm dizgwid bejn il-kontendenti u li dwarhom hemm ricevuta ta' hlas. Fir-rigward tax-xiri ta' fuel l-atturi jsostnu li hemm ricevuti li jirreferu ghax-xiri ta' Super Fuel meta d-dghajsa kienet tuza diesel. Il-qorti rat ir-ricevuti u hi tal-fehma li ma tistax tasal ghal konkluzjoni li nxtara super fuel u mhux diesel. Lanqas ma rrizulta li l-konvenuti kellhom xi dghajsa ohra li kienet tuza dak it-tip ta' fuel. Ghalhekk fuq bazi ta' probabilità l-verzjoni tal-atturi ghandha mis-sewwa. Fic-cirkostanzi l-qorti ser taccetta li l-ispejjez saru fl-interess tad-dghajsa meritu tal-kawza.*

*"Ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez li saru mill-konvenut qieghed jippretendi hlas ghall-perjodu* ***1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Jannar 2011****. Ir-rikonvenzjoni li ppropona hi f'dan is-sens. Fil-fatt hu pprezenta l-konteggi li saru minn Mohnani ghal dan il-perjodu minn fejn jirrizulta li l-ispejjez li jghid li ghamel huma ta' €2,416 u li s-sehem dovut mill-atturi hu ta' €1,208. Il-konvenut ipprezenta r-ricevuti (fol. 602-655). Hu fatt li m'hemmx certezza dwar jekk l-ispejjez sarux kollha ghad-dghajsa meritu tal-kawza, in kwantu kull m'hemm hi l-kelma tal-konvenut. Hekk per ezempju hemm ricevuti li nhargu ghax-xiri ta' affarijiet minghand Anthony Cuschieri li jidher li ghandu general store. Wara li l-qorti rat id-dokumenti kollha li pprezentaw il-konvenuti tqies li principalment dak li qieghed jintalab jirrelata ghall-hlas ta' licenzji, assigurazzjoni u hlas lil Lonzu Garage. Il-qorti ma tarax ghalfejn ghandha tiskarta l-verzjoni tal-konvenuti. Hu veru li dawn il-konteggi jirreferu ghall-perjodu li fihom kien evidenti li digà hemm dizgwid bejn il-kontendenti, pero' l-qorti tqies li l-ispejjez huma limitati ferm meta tqies il-perjodu li qeghdin ikopru. Ghal dak li jikkoncerna l-hlas lil Lonzu Garage, ghalkemm l-attur qal li qatt ma ntalab il-permess tieghu sabiex id-dghajsa tinzamm hemm, fil-fehma tal-qorti x'imkien kellha tinzamm. Il-qorti m'hijiex tal-fehma li kien fl-interess tal-partijiet li tinzamm fil-bahar, u lanqas ma jirrizulta li l-attur ippropona xi soluzzjoni. Dan apparti li kif xehed il-konvenut stess hu evidenti li qabel inqala' d-dizgwid kien hemm digà drabi li l-kontendenti nqdew b'Lonzu Garage. Inoltre, jirrizulta li b'ittra datata 22 ta' April 2004 (Dok. O a fol. 694) il-konvenut kien gharraf lill-attur li kien inghata stima ta' Lm250 fis-sena biex id-dghajsa tinzamm hemmhekk ghalkem illum l-attur jallega li qatt ma rcieva ittra (ara affidavit ulterjuri). L-attur xehed li kieku kien jaf li d-dghajsa ser tittiehed ghand Lonzu Garage kien ser joggezzjona "… ghaliex jien kelli fejn inzommha – fil-garaxx mieghi f'Pembroke minghajr ma jkolli ghalfejn inhallas lil Lonzu" (fol. 964). Il-qorti ma temminx li l-attur ma kienx jaf fejn qeghda tinzamm id-dghajsa, u semmai kien fl-interess tieghu biex jipproponi lill-konvenut biex izommuha fil-garaxx tieghu biex jiffrankaw l-ispejjez. Dan apparti li f'ittra legali datata 23 ta' Novembru 2004 mibghuta lill-attur, gie nfurmat: "We are instructed to inform you that the vessel will be taken out of the water on Thursday 25th November 2004. It will be taken and stored at*

*Lonzu Garage.". Il-verzjoni tal-attur li ma kienx jaf x'ser isir mid-dghajsa m'hijiex verosimili, u baqa' passiv.*";

3. Fir-Rikors tal-Appell imressaq minnhom fit-18 ta' Awwissu, 2014, l-appellanti qalu li ħassewhom aggravati bis-sentenza appellata u, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu li din il-Qorti tirriformaha (għalkemm jindikaw data ħażina ta' meta ngħatat is-sentenza) billi filwaqt li tikkonfermaha safejn laqgħet ir-raba' talba tagħhom (dik li d-dgħajsa tinbiegħ b'irkant taħt l-awtorità tal-Qorti) u safejn sabet li l-ewwel talba rikonvenzjonali tal-appellati kienet saret għalxejn, tħassarha fil-bqija u, minflok, tilqa' t-talbiet l-oħrajn tagħhom (fosthom dik li titlob il-likwidazzjoni tas-somma dovuta lilhom mill-appellati) u tiċħad kemm l-eċċezzjonijiet tal-appellati għall-azzjoni attriċi u kif ukoll it-talbiet rikonvenzjonali kollha tal-Kontro-Talba tagħhom, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellati;

4. Min-naħa tagħhom, fir-Risposta mressqa fit-3 ta' Settembru, 2014, l-appellati laqgħu għall-appell tal-atturi billi, għar-raġunijiet hemm imsemmija, qalu li din il-Qorti jmissha tiċħad l-appell għaliex is-sentenza appellata kienet ġusta u jistħoqqilha tkun konfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti;

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell waqt is-smigħ tad-29 ta' Ottubru, 2019, f'liema data l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

6. Rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkunsidrat:***

7. Illi din hija azzjoni ta' għoti ta' rendikont dwar l-użu u t-tħaddim ta' opra tal-baħar (lanċa tas-sajd[2]) li l-partijiet kellhom bejniethom f'ishma ndaqs. Il-fehma kienet li l-appellat jibni l-lanċa u l-appellant joħroġ nofs in-nefqa, kemm tal-bini tagħha u kif ukoll tat-tħaddim u ż-żamma tagħha fi stat tajjeb. Wara li nqala' diżgwid bejn il-partijiet, qamet il-kwestjoni tal-konteġġi tan-nefqiet li kull parti għamlet matul iż-żmien għat-tħaddim u għaż-żamma f'kundizzjoni tajba tal-lanċa. Baqa' ma ntlaħaqx qbil bejn il-partijiet u b'hekk infetħet il-kawża li kienet maħsuba li twassal għal-likwidazzjoni tan-nefqiet u l-qsim xieraq tagħhom, u wkoll għall-bejgħ tal-lanċa b'irkant billi l-appellanti ma ridux li jibqgħu komproprjetarji tal-lanċa mal-appellati. Għall-azzjoni attriċi, l-appellati ressqu azzjoni rikonvenzjonali li biha talbu li l-Qorti ssib li l-lanċa kienet tal-partijiet f'ishma ndaqs, issib li huma ħarġu aktar flus milli jmisshom u biex tikkundanna lill-appellanti jħallsu sehemhom minn dik id-differenza;

8. Illi l-appellanti qajmu ħames **aggravji mis-sentenza appellata** li, fil-qosor, huma dawn: (i) li s-sentenza appellata hija l-frott ta'

[2] Mogħtija l-isem ta' "*Monte Carmelo*" u reġistrata PTF 840 (u aktar 'il quddiem b'seħħ minn Jannar tal-2008, MFC 5840, ara Dok f'paġ. 943 tal-proċess)

applikazzjoni żbaljata tal-liġi minħabba li jidher li l-ewwel Qorti qieset li ma kienx dovut ħlas ta' mgħax meta kien ċar li l-kwestjoni bejn il-partijiet kienet tirrigwarda att ta' kummerċ; (ii) li l-ewwel Qorti warrbet il-konteġġi magħmulin minnhom u saħansitra dawk magħmulin mill-perit komputista mqabbad minnha u qagħdet fuq il-konteġġi magħmulin mill-appellati, bla ma tat raġuni għalfejn għamlet hekk; (iii) li l-ewwel Qorti ħalliet barra bla ma semmiethom xi pretensjonijiet (partiti) li huma kienu ressqu fil-'*claim*' tagħhom; (iv) li l-ewwel Qorti naqset li tieħu qies tal-fatti kollha rilevanti u saħansitra waslet għal fehmiet li jmieru 'l xulxin; u (v) li l-ewwel Qorti għabbiethom bil-ħlas ta' sehem qawwi mill-ispejjeż tal-kawża meta kellhom sehem daqs l-appellati fil-lanċa u meta l-arranġament kien li n-nefqa għaż-żamma tagħha tinqasam bin-nofs bejniethom;

9. Illi fl-**ewwel aggravju** tagħhom l-appellanti jisħqu li l-arranġament li kellhom mal-appellati kien jikkostitwixxi att ta' kummerċ għaliex jgħidu li dak kien "operazzjoni dwar bastimenti u navigazzjoni"[3]. Għalhekk, kull somma li xi naħa kellha titħallas min-naħa l-oħra kien jimxi l-imgħax fuqha minn dakinhar li kellu jsir il-ħlas. Jgħidu li l-liġi ma tagħrafx bejn opra tal-baħar u oħra f'dak li hija tqis bħala att oġġettiv ta' kummerċ. Huma jgħidu wkoll li, għall-kuntrarju ta' dak li qalet l-ewwel Qorti, jirriżulta bħala fatt li lill-appellati kienu għaddewlhom prospett tan-nefqiet li kien jiġbor fih kalkolu ta' mgħaxijiet miġmugħin u ma kienet tqajmet l-ebda oġġezzjoni

[3] Art. 5(f) tal-Kap 13

dwar dan min-naħa tal-istess appellati. Minbarra dan, l-appellanti jgħidu li biex inħarġet parti min-nefqa għall-bini tal-lanċa, intużat faċilità bankarja ('*overdraft*') maħruġa fuq isem l-appellant li fuqha l-imgħaxijiet kummerċjali kienu jimxu kull darba li jsir użu minnha;

10. Illi l-appellati jargumentaw li dan l-aggravju ma huwiex mistħoqq. Jibdew billi jgħidu li l-pretensjonijiet attriċi fit-talba ewlenija kienu dwar somma li kellha tkun likwidata u għalhekk ma setax jimxi l-imgħax fuq dak li ma kienx għadu ċar jekk kellux jitħallas jew kemm kien tali ammont. Dan jgħiduh b'aktar qawwa minħabba l-fatt li l-ewwel Qorti sabet li mhux talli ma kellhomx iħallsu xejn lill-appellanti, imma talli kienu huma l-kredituri tal-appellanti. Iżidu jgħidu li, safejn l-ewwel aggravju jrid li l-arranġament ta' bejniethom kellu jitqies bħala att oġġettiv ta' kummerċ, dan ma huwa minnu xejn għaliex il-lanċa li kellhom bejniethom kienu bnewha għal skopijiet biss ta' rikrejazzjoni u namra u ma kienet qatt maħsuba li taqdi xi għanijiet ta' sajd kummerċjali. Iwarrbu l-argument tal-appellanti li kull opra tal-baħar u t-tħaddim tagħha jaqa' fit-tifsira tal-artikolu 5(f) tal-Kodiċi tal-Kummerċ u jressqu eżempji ta' dan. Fl-aħħarnett, jgħidu li fl-arranġament li kien sar bejn il-partijiet f'Marzu tal-1987, l-imgħaxijiet ma kienu ssemmew qatt;

11. Illi l-Qorti tibda biex tgħid li dan l-aggravju huwa dipendenti fuq is-siwi ta' aggravji oħrajn li ressqu l-appellanti, ladarba s-sentenza appellata

sabet li l-appellanti ma kellhom jitħallsu xejn. Madankollu, tqis ukoll li l-istess aggravju huwa sikkina b'żewġt ixfafar għaliex, jekk kellu jintlaqa', il-prinċipju tal-ħlas ta' mgħax ikun jgħodd għal min jirriżulta li għandu jitħallas. Għalhekk, il-Qorti ssib li l-aggravju jixraq li jkun trattat u kunsidrat;

12. Illi l-ewwel ħaġa li wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh hija n-natura tal-azzjoni mibdija mill-appellanti. Fil-qofol tagħha, hija azzjoni li trid ittemm qagħda ta' komunjoni ta' ġid u l-għoti ta' rendikont dwar in-nefqiet li saru mill-partijiet sħab. Minħabba li dan l-arranġament kien marbut mat-tmexxija u t-tħaddim tal-lanċa, qamet il-kwestjoni dwar jekk dan irrendihx bħala att ta' kummerċ. Jixraq li l-Qorti tqis l-ewwel din il-kwestjoni. Huwa minnu li f'xi żmien il-lanċa kienet reġistrata bħala lanċa tas-sajd mad-Dipartiment. Ingħad li dan sar biss bil-għan li s-sidien ikunu jistgħu jibbenefikaw minn konċessjonijiet li jingħataw is-sajjieda. L-appellati jisħqu li l-għan li għalih il-partijiet qablu li jibnu u jħaddmu l-lanċa kien wieħed ta' namra u delizzju biss u li dan intwera kemm mill-għamla ta' kopertura assikurattiva[4] u kif ukoll għall-użu fattwali li sar mil-lanċa matul iż-żmien;

13. Illi l-Qorti tagħraf li l-artikolu 5(f) tal-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta jqis bħala att oġġettiv tal-kummerċ dawk l-operazzjonijiet dwar bastimenti

[4] Dok "AA1", f'paġġ. 1048 – 1052 tal-proċess

u navigazzjoni. Tagħraf ukoll li l-ebda waħda mill-partijiet ma kienet tqis lilha nnifisha bħala kummerċjant. Jirriżulta wkoll li, meta l-partijiet qablu dwar dak li kellu jsir, ma sar l-ebda ftehim miktub, u għalhekk wieħed ma jistax jgħid li twaqqfet soċjetà ċivili bejnitehom[5]. Jidher li l-fehma tal-appellanti li l-arranġament li kellhom mal-appellati kien att ta' kummerċ kienet immirata biss biex tqis kull obbligazzjoni li toħroġ minnu bħala waħda kummerċjali u b'hekk tnissel il-mixi tal-imgħaxijiet kummerċjali fuq debiti li jirriżultaw. Wara li fliet sewwa l-provi mressqa fl-atti u ċ-ċirkostanzi fattwali tal-każ, il-Qorti ssib li l-arranġament li sar bejn il-partijiet ma kien bl-ebda mod maħsub li jkun attività kummerċjali kif imfisser u mifhum fl-artikolu 5(f) tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Tqis ukoll li l-ġurisprudenza[6] li l-appellanti jistrieħu fuqha f'dan ir-rigward biex isejsu dan l-ewwel aggravju tagħhom, ma ġietx segwita minn sentenzi li ngħataw wara minn din il-Qorti[7] u li qalu li mhux kull opra tal-baħar jew l-għanijiet rikrejattivi tal-użu tagħha jagħmluha att oġġettiv tal-kummerċ. F'dan il-każ ma ntweriex li l-lanċa tal-partijiet kienet titħaddem b'kirja bħala impriża, f'liema każ il-kwestjoni kienet tieħu xejra oħra[8]. F'kull każ, il-Qorti ssib li huma raġonevoli u msejsa mill-provi fl-atti l-kunsiderazzjonijiet magħmulin mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata

---

[5] Art. 1233(1)(f) tal-Kap 16

[6] Kumm. **4.2.1948** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Cassar Torreggiani*** (Kollez. Vol: **XXXIII.iii.491**)

[7] App. Ċiv. **2.9.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Kent et vs Pule' et*** (Kollez. Vol: **XLIII.i.367**) u App. Ċiv. **25.3.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt et vs Bellizzi*** (Kollez. Vol: **XLIV.i.60**)

[8] App. Ċiv. **23.5.1947** fil-kawża fl-ismijiet ***Gollcher noe vs Higgins noe et*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.580**)

dwar x'kienet il-fehma tal-partijiet dwar il-lanċa u li din ma kienet bl-ebda mod operazzjoni kummerċjali kif iridu l-appellanti;

14. Illi safejn l-aggravju jrid li dan l-arranġament kien inissel il-mixi awtomatiku tal-imgħax, il-Qorti jidhrilha li mhuwiex mistħoqq f'dan il-każ. Fl-ewwel lok, ladarba l-azzjoni attriċi kienet maħsuba biex issir il-likwidazzjoni tal-kontijiet bejn il-partijiet, ma kienx il-każ li l-imgħaxijiet fuq xi bilanċ dovut jibdew jgħaddu qabel ma ssir il-likwidazzjoni aħħarija. L-ewwel tliet talbiet attriċi juru li l-likwidazzjoni għad trid issir. Fit-tieni lok, ladarba l-Qorti hija tal-fehma li l-arranġament li kien hemm bejn il-partijiet ma kienx ta' xorta kummerċjali, l-imgħaxijiet (u aktar u aktar l-imgħaxijiet komposti kif jippretendu l-appellanti fil-prospett ewlieni tagħhom mehmuż mal-ewwel affidavit tal-appellant[9]) setgħu jgħaddu biss minn dakinhar li ssir talba b'att ġudizzjarju[10]. Matul is-smigħ tal-provi, l-appellanti ressqu dokument quddiem il-perit komputista li huwa kopja mhux awtentikata ta' dik li tidher li hija ittra uffiċjali b'data li ssemmi biss ix-xahar ta' Settembru, 2007: madankollu, lanqas jekk kellu jirriżulta li dak id-dokument huwa kopja fidila ta' xi att ġudizzjarju ma jwassal biex isejjes l-aggravju tal-appellanti, għaliex kulma jidher minn dak id-dokument huwa talba biex l-appellat jersaq "*għall għemil tal-konteġġi u likwidazzjoni meħtieġa tal-ispejjeż kollha konnessi mal-ġestjoni tad-dgħajsa ta' koproprieta tiegħek u tal-mittent u sabiex wara li jiġu finalizzati u likwidati l-istess konteġġi inti*

[9] Dok "A", f'paġġ. 10 sa 35 tal-proċess
[10] Art. 1141(2) tal-Kap 16

*tħallas lill mittent is-sehem minnek dovut*". Fl-imsemmi dokument ma tissemma mkien xi talba jew interpellazzjoni għall-ħlas ta' mgħax. Dan, fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, juri b'mod ċar li l-pretensjoni tal-ħlas ta' mgħaxijiet ma kienet bl-ebda mod mistħoqqa u li ma ntwera bl-ebda mod li kien hemm xi ċirkostanza li toħloq eċċezzjoni għar-regola li *in illiquidis non fit mora*;

15. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti ssib li l-aggravju mhuwiex mistħoqq u mhux sejra tilqgħu;

16. Illi bit-**tieni aggravju tagħhom** l-appellanti jilmintaw mill-fatt li l-ewwel Qorti qagħdet fuq il-konteġġi magħmulin mill-komputista *ex parte* mqabbad mill-appellati u warrbet il-konteġġi tagħhom u saħansitra dawk tal-perit komputista mqabbad minnha. Jgħidu li l-ewwel Qorti ma tat l-ebda raġuni għaliex għażlet li tagħmel hekk. Huma jgħidu li dan wassal għal eżerċizzju żbilanċjat li fih huma sfaw żvantaġġati. Il-konteġġi li l-ewwel Qorti għażlet li toqgħod fuqhom kienu "*qualified*", jiġifieri lanqas mill-aspett professjonali ma jista' wieħed iqishom bħala konteġġi sħaħ jew definittivi;

17. Illi l-appellati jilqgħu għal dan l-aggravju billi jgħidu li l-ewwel Qorti għamlet sewwa li ma toqgħodx fuq il-konteġġi tal-perit komputist imqabbad minnha minħabba li dan kien ġabar provi u irrediġa r-rapport

tiegħu fiż-żmien meta l-appellati kienu għadhom mhumiex notifikati formalment bl-atti tal-kawża u ma kellhomx il-possibiltà li jressqu l-provi tagħhom. Iżidu jgħidu li f'kull każ, il-konteġġi ta' Evan Mohnani kienu l-frott ta' tagħrif u konteġġi li ż-żewġ partijiet kienu bagħtulu u ħadem fuqhom fuq rieda tal-istess partijiet[11];

18. Illi l-Qorti tibda biex tgħid li, għall-kuntrarju ta' dak li jgħidu l-appellanti, mhuwiex minnu li l-ewwel Qorti ma tatx raġuni għalfejn għażlet li toqgħod fuq il-konteġġi ta' Mohnani u għaliex ma qagħditx fuq dawk tal-perit komputist maħtur minnha. Is-sentenza appellata fiha ġabra mirquma li hija r-riżultat ta' eżami mfisser tar-raġunijiet li wasslu lil dik il-Qorti li tagħżel li ma toqgħodx fuq ir-rapport imressaq mill-perit komputista. Fit-tieni lok, meta l-perit komputista ressaq ir-rapport tiegħu, l-appellati ma kinux għadhom laqgħu formalment in-notifika tal-atti tal-kawża u kien biss meta ntbagħtilhom il-kont tat-taxxa tal-perit komputist li saru jafu biha. Fit-tielet lok, meta l-perit komputista ressaq ir-rapport tiegħu, kellu jimxi biss fuq il-provi li kienu tressqu sa dakinhar mill-appellanti[12], u meta l-ewwel Qorti tat lill-appellati l-jedd li jitħallew jikkontestaw il-kawża l-konteġġi li saru f'dak ir-rapport intlaqtu sewwa bil-provi dokumentali li l-appellati kellhom f'idejhom u li l-perit komputista ma kienx jaf bihom. Minbarra dan, sa żmien sewwa wara li kien tressaq ir-

[11] Ara Dok "Ċ", f'paġġ. 38 sa 41 tal-proċess

[12] Kemm hu hekk, id-degriet tad-29.10.2009 bil-ħatra oriġinali tal-istess perit kien jgħid ċar u tond li huwa kellu "jeżamina l-atti fil-proċess iżda bla ma jisma' xhieda jew jirċievi dokumenti oħra…" (paġ. 96 tal-proċess)

rapport tal-perit komputista, l-appellant innifsu kien baqa' jressaq provi u pretensjonijiet ġodda li ma kinux għadhom issemmew qabel. Fir-raba' lok, il-liġi tgħid li qorti mhix marbuta li toqgħod fuq il-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti maħturin minnha kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha[13]. Dan huwa wkoll prinċipju li dawn il-Qrati ilhom jimxu miegħu sa minn żmien ilu u għadhom iħaddnuh sallum[14];

19. Illi safejn dan l-aggravju jinbena fuq iċ-ċirkostanzi l-oħra msemmija mill-appellanti – jiġifieri li l-ewwel Qorti għażlet li toqgħod fuq il-konteġġi ta' Evan Mohnani u ma tatx każ tal-konteġġi tal-istess appellant – il-Qorti ssib li lanqas hawnhekk ma jgħidu sewwa l-appellanti. L-ewwel Qorti jidher li rabtet il-fehmiet tagħha mal-konteġġi maħruġa minn Mohnani għaliex kellu x'juriha li dawk saru u nbnew fuq tagħrif li tawh iż-żewġ partijiet. Fit-tieni lok, l-appellanti nfushom jgħidu li d-dokumentazzjoni (riċevuti, fatturi u dokumenti oħrajn) meħtieġa biex seta' jinħareġ rendikont tal-konteġġi kienu f'idejn l-appellanti għal żmien twil u kien fuq is-saħħa tagħhom li setgħet tingħata stampa l-iżjed korretta tal-bilanċi talvolta dovuti. Fit-tielet lok, kienu l-appellanti nfushom li, f'att ġudizzjarju mressaq minnhom saħansitra qabel ħareġ ir-rapport tal-perit komputist[15], stqarrew li ma humiex qegħdin jikkontestaw il-konteġġi sa Jannar tal-1992 (li kienu mibnija fuq tagħrif miġbur mill-appellant innifsu) u lanqas

---

[13] Art. 681 tal-Kap 12
[14] App. Ċiv. **25.2.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Philip Aquilina et vs A.I.Ċ. David Vassallo noe et***
[15] Nota tal-atturi tal-15.6.2010 f'paġġ. 100 – 1 tal-proċess

dwar dawk il-konteġġi bejn l-2001 u l-2007 (li saru mill-appellat). Il-kontestazzjoni kienet tirrigwarda d-disa' (9) snin bejn l-1992 u l-2001 u dwar dan ressqu lista ta' partiti li dehrilhom li wieħed ma kellux iqishom[16]. Minn qari tas-sentenza appellata jidher li, fejn kien il-każ, l-ewwel Qorti ħadet qies tal-kontestazzjonijiet li kienu għamlu l-appellanti u mxiet magħhom;

20. Illi għalhekk il-Qorti tasal għall-fehma li dan l-aggravju mhuwiex tajjeb lanqas;

21. Illi fit-**tielet aggravju** tagħhom, l-appellanti jgħidu li l-ewwel Qorti ħalliet barra w injorat xi partiti ta' spejjeż minfuqa minnhom u li kienu ippretendew li jitħallsu tagħhom. Fil-fehma tagħhom dan wassal biex il-konteġġi magħmula mill-ewwel Qorti huma vizzjati billi hemm pretensjonijiet li dwarhom baqgħet ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni. Jirriżulta li dawn il-pretensjonijiet kollha joħorġu mill-affidavit ulterjuri[17] mressaq mill-appellant u dokumenti mehmużin miegħu[18]. Dawn il-pretensjonijiet jikkonsistu f'telf tar-reġistrazzjoni tal-lanċa bħala "*part-time commercial fishing vessel*" (€ 2439.37); telf tal-valur tal-liċenza tal-lanċa bħala opra tal-baħar tas-sajd, liema liċenza kellha valur bejn € 6988 u € 11647; nefqiet li kellhom isiru għal tiswijiet ta' ħsarat fil-garaxx tal-appellanti

[16] Ara paġġ. 102 – 3 u Dok "T" f'paġġ. 780 – 1 tal-proċess
[17] Dok "EG", f'paġġ. 957 sa 974 tal-proċess
[18] Dokti "EG1" sa "EG57", f'paġġ. 975 sa 1031 tal-proċess

minħabba xogħol li sar mill-appellat fuq il-lanċa f'dak l-imkien (€573.48 u € 610); nefqa ta' €221.29 għal oġġetti mixtrija minnhom u ntużaw fil-lanċa wara li kienu saru l-konteġġi minn Evan Mohnani; ħlas ta' assikurazzjoni tal-lanċa (€ 230.33) u ħlas ieħor ta' € 157.23 magħmul mill-appellant;

22. Illi l-appellati jgħidu li dan l-aggravju ma huwa xejn aktar minn stedina biex din il-Qorti tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti. Huma jgħidu li ma hemm l-ebda raġuni għalfejn din il-Qorti għandha tagħmel hekk, ladarba l-eżerċizzju mwettaq mill-ewwel Qorti kien wieħed korrett. Iżidu jgħidu li wieħed ma għandux għalfejn jistgħaġeb għaliex l-ewwel Qorti ma għażlitx li temmen lill-appellanti, meta wieħed jara li bejn iż-żewġ affidavit li ressaq kien hemm nuqqas ta' qbil minn verżjoni għal oħra u inkonsistenzi ripetuti fix-xhieda mogħtija. Dwar is-somom li l-appellanti jsemmu taħt dan l-aggravju, l-appellati jgħidu li dawn ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-mertu tal-azzjoni mibdija mill-appellanti u kien biss lejn l-aħħar tas-smigħ tal-każ li l-appellanti semmewhom l-ewwel darba. Huma jgħidu wkoll li l-pretensjonijiet tal-appellanti ma jikkorrispondux mar-rejaltà u tressqu biss biex jipprovaw ixejnu l-fatt li l-appellanti huma debituri tal-appellati;

23. Illi l-Qorti tqis li tassew li dan l-aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti. Kif ingħad bosta drabi, din il-Qorti tagħraf li bħala regola m'għandhiex tagħmel rivalutazzjoni tal-provi jew ta'

min imissu jitwemmen. F'ċirkostanzi bħal dawn, sakemm l-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi fattwali li jsir mill-ewwel Qorti ma jkunx fid-dieher wieħed irraġonevoli, din il-Qorti ma tindaħalx biex tgħid x'kienet taħseb hi jew jekk l-apprezzament magħmul mill-ewwel Qorti kinitx tagħmlu bħalha[19];

24. Illi b'żieda ma' dan, f'każ fejn qorti jkollha quddiemha verżjonijiet li ma jaqblux ma' xulxin, ingħad li huwa u jibqa' dejjem prinċipju tad-dritt li l-parti attriċi f'kawża għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka.[20] Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka[21]. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha.[22] Huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega[23] u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova[24];

---

[19] App. Ċiv. **26.1.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Aġius vs Piju Theuma***
[20] App. Inf. JSP **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Hans J. Link et vs Raymond Merċieca***
[21] App. Ċiv. **31.5.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġużeppa sive Josephine Camilleri et vs John Camilleri et***
[22] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***
[23] Art. 562 tal-Kap 12
[24] Art. 559 tal-Kap 12

25. Illi din il-Qorti ma taqbilx li l-fatt li l-ewwel Qorti ma laqgħetx dawn il-pretensjonijiet tal-appellanti juri li dik il-Qorti wettqet eżerċizzju vizzjat tal-apprezzament tal-provi mressqa quddiemha. Lanqas ma juri li injorathom jew ma ntebħitx bihom. F'każ bħal dan, fejn il-partijiet iressqu għadd ta' pretensjonijiet jew prospetti ta' pretensjonijiet, wieħed m'għandux jistenna li l-Qorti toqgħod tikkummenta dwar kull waħda minnhom. Minbarra dan, kif sewwa jgħidu l-appellati, uħud mill-pretensjonijiet imsemmija mill-appellanti taħt dan l-aggravju jaqgħu 'l barra min-natura tat-talbiet attriċi, billi l-azzjoni hija waħda ta' likwidazzjoni u kwittanza ta' bilanċ dovut u mhux azzjoni ta' likwidazzjoni ta' danni. Lanqas ma hija azzjoni dwar telf prospettat li, f'każ minnhom (dak rigwardanti t-telf tal-valur tal-liċenza), huwa biss wieħed approssimativ u għalhekk kuntrarju għall-eżerċizzju ta' likwidazzjoni li l-azzjoni attriċi nnifisha titlob. Fl-aħħarnett, fir-rigward ta' pretensjonijiet oħrajn, il-Qorti ssib li dawn kienu magħrufa mill-appellanti sa minn qabel ma fetħu l-kawża iżda, minkejja dan, kien biss wara li l-appellati ressqu l-provi tagħhom li l-pretensjonijiet tressqu l-ewwel darba. Din iċ-ċirkostanza tagħti wisq fil-għajn u ma setgħetx ma kinitx innotata wkoll mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti tasal biex taħsibha bħall-appellati u tqis li l-appellanti qajmu dawn il-pretensjonijiet meta mill-provi mressqa fl-azzjoni rikonvenzjonali beda jidher li l-bilanċ dovut lill-appellati kien jaqbeż dak pretiż mill-appellanti;

26. Illi billi l-appellanti ma ġabu 'l quddiem l-ebda raġuni oħra tajba għaliex din il-Qorti jmissha tilqa' dan l-aggravju jew xi parti minnu, l-istess aggravju mhux ser jintlaqa';

27. Illi r-**raba' aggravju** jitkellem dwar konteġġi u kunsiderazzjonijiet magħmula mill-ewwel Qorti li wassluha biex tonqos li tqis il-fatti kollha jew li saħansitra wassluha għal konklużjonijiet kontradittorji li jagħmlu differenza kbira fl-ammont dovut lilhom mill-appellati. L-appellanti jsemmu sitt (6) ċirkostanzi partikolari li dwarhom ressqu dan l-aggravju. Dawn huma: (a) l-bilanċ tal-ħlas tax-xiri tal-makni tal-lanċa; (b) it-tpaċija tal-ammont dovut lil Ġanni Farruġia "*Il-Junker*" f'Lulju tal-1997 b'xogħol ta' *accountancy* mogħti mill-appellant; (ċ) ix-xiri tal-karburant ta' għamla li l-lanċa ma kinitx tikkonsma; (d) tressiq ta' riċevuti min-naħa tal-appellat li ma jfissrux in-natura tan-nefqiet; (e) in-nefqa biex il-lanċa ttellgħet mill-baħar u tqiegħdet f'garaxx; u (f) in-nefqa biex sar ir-rapport tas-'*surveyor*' Daniel Grima. L-appellanti jtemmu dan l-aggravju billi jagħmlu eżerċizzju sħiħ ta' konteġġi ta' kif imissu, fil-fehma tagħhom, joħroġ il-bilanċ korrett;

28. Illi l-appellati hawnhekk ukoll imieru l-aggravju u l-pretensjonijiet li jsiru fih. Huma jagħtu wkoll raġunijiet għaliex kull waħda mill-imsemmija pretensjonijiet ma hijiex mistħoqqa. Fuq kollox, jgħidu li dan l-aggravju

wkoll jissejjes fuq allegat apprezzament ħażin tal-provi min-naħa tal-ewwel Qorti;

29. Illi l-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa tabilħaqq wieħed li jittanta jistieden lil din il-Qorti terġa' tgħaddi biex tagħmel apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti. Dak li kellha x'tgħid fit-tielet aggravju ttennih hawnhekk. Tqis ukoll li l-pretensjonijiet li l-appellanti jsemmu taħt dan l-aggravju kienu lkoll meqjusa mill-ewwel Qorti, b'mod partikolari l-kawżali tal-kiri tal-garaxx li fih tqiegħdet il-lanċa wara li ttellgħet l-art. Din il-Qorti xorta waħda qieset l-atti tal-kawża u qabblithom mal-kunsiderazzjonijiet magħmula fis-sentenza appellata u ssib li fil-każijiet kollha li l-appellanti jsemmu taħt dan l-aggravju, l-ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għall-fehmiet li waslet għalihom fis-sentenza appellata. Hekk ukoll issib li l-biċċa l-kbira mill-argumenti li l-appellanti jressqu taħt dan l-aggravju huma argumenti li semmewhom kemm fin-Nota ta' Sottomissjonijiet[25] tagħhom u kif ukoll fin-Nota ta' Replika[26] u li tqiegħdu quddiem l-ewwel Qorti għall-kunsiderazzjoni tagħha. Dan ifisser li din il-Qorti ma ssibx li hemm raġuni għaliex għandha tibdel il-kalkoli magħmulin mill-ewwel Qorti b'dawk magħmulin mill-appellanti fir-Rikors tal-Appell tagħhom;

30. Illi għalhekk, lanqas dan l-aggravju ma huwa mistħoqq u mhux sejjer jintlaqa';

[25] Paġġ. 1087 sa 1092 tal-proċess
[26] Paġġ. 1112 sa 1121 tal-proċess

31. Illi fil-**ħames aggravju** tagħhom l-appellanti jilmintaw mill-mod kif l-ewwel Qorti qasmet il-kap tal-ispejjeż u għabbiethom bil-ħlas tal-biċċa l-kbira minnhom. Huma jgħidu li dan l-aggravju joħroġ ċar meta wieħed iqis li l-azzjoni tagħhom kienet dwar eżerċizzju ta' konteġġi u qsim bin-nofs tan-nefqiet dwar il-lanċa. Huma jgħidu li ma kienx b'għażla tagħhom li waslu biex fetħu din il-kawża, imma minħabba n-nuqqas ta' ko-operazzjoni min-naħa tal-appellati jew minħabba li saru nefqiet bla ma kien sar qbil li kellhom isiru jew saru fuq inizjattiva waħedha tal-appellat;

32. Illi hawnhekk ukoll l-appellati jgħidu li dan l-aggravju huwa infondat, meta wieħed iqis li l-appellanti kienu qegħdin jippretendu li għandhom jieħdu u l-fatti wrew li kellhom iħallsu;

33. Illi l-Qorti tqis li għalkemm huwa minnu li l-azzjoni attriċi kienet waħda maħsuba għal-likwidazzjoni tal-konteġġi u għall-bejgħ ta' ħaġa miżmuma in komun bejn il-partijiet, l-ewwel Qorti dehrilha li kellha tikkalibra l-kap tal-ispejjeż bil-mod imsemmi fis-sentenza appellata għaliex hija sabet li l-appellanti mhux talli ma kinux kredituri tal-appellati, imma irriżulta li kienu debituri. Mit-talbiet infushom – partikolarment it-tieni u t-tielet talbiet attriċi – u wkoll mis-seba' premessa tar-Rikors Maħluf joħroġ ċar li l-appellanti kienu qegħdin jippretendu li għandhom jieħdu u mhux jagħtu. B'dan il-mod, l-azzjoni tagħhom ma baqgħetx "newtrali", iżda saret waħda ta' pretensjoni speċifika. Is-sentenza appellata sabet li dik il-pretensjoni twaqqgħet bl-azzjoni rikonvenzjonali mressqa mill-

appellati. Dak li għamlet l-ewwel Qorti huwa t-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Mill-bqija, f'dak li għandu x'jaqsam mal-bejgħ b'irkant ġudizzjarju tal-lanċa, l-ewwel Qorti ħaddmet il-kejl li l-appellanti jgħidu li messu tħaddem fir-rigward ta' kollox. Din il-Qorti ma ntweriet l-ebda raġuni tajba mill-appellanti għaliex, ladarba s-sentenza appellata sabet li għandhom iħallsu lill-appellati s-somma hemm likwidata, il-kap tal-ispejjeż imissu jinbidel b'xi mod;

34. Illi għalhekk dan l-aggravju mhuwiex tajjeb u mhux se jintlaqa';

***Decide:***

35. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** imressaq mill-atturi u għalhekk tikkonferma għal kollox is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Lulju, 2014, fil-kawża fl-ismijiet premessi, bl-**ispejjeż** kontra l-appellanti, b'dan li l-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif determinati f'dik is-sentenza.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm